MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 89/2006/2

**Imnaria Ventures Limited**

**v.**

**MAPA Holdings Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li ressqet is-socjeta` attrici fis-6 ta' Frar, 2006, li jaqra hekk:

"1. Illi permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju, tas-sena 2002 fl-ismijiet '**Dr. Louis Cassar Pullicino noe vs**

**Michael Zammit noe et’** (Citazz. Nru. 880/97GV), is-socjeta` rikorrenti kienet giet ikkundannata thallas is-somma ta’ tnejn u erbghin elf dollaru Amerikan (US$42,000) ekwivalenti ghal sbatax-il elf, disa’ mija u hames Liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm17,905.86) in solidum mas-socjeta` intimata, bl-ispejjez gudizzjarji u bl-imghaxijiet mis-sittax (16) ta’ Gunju 1995, kif kien jirrizulta mis-sentenza msemmija li kopja taghha giet annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dok. A;

“2. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet hallset interament is-somma ta’ sbatax-il elf, disa’ mija u hames Liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm17,905.86), favur Dottor Louis Cassar Pullicino nomine in ezekuzzjoni tas-sentenza hawn fuq imsemmija, flimkien ma’ l-ispejjez gudizzjarji u l-imghaxijiet fuq l-istess ammont mis-sittax (16) ta’ Gunju 1995, u dan kif kien jirrizulta mid-dokument B anness mar-rikors;

“3. Illi s-socjeta` intimata kienet debitrici tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta’ tmint elef disa’ mija u tnejn u hamsin Lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm8,952.93), u cioe` nofs is-somma ta’ sbatax-il elf, disa’ mija u hames Liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm17,905.86) dovut in solidum mis-socjeta` rikorrenti u mis-socjeta` intimata skond is-sentenza hawn fuq imsemmija, u mhallsa mis-socjeta` rikorrenti kif fuq spjegat, oltre l-imghaxijiet legali fuq l-istess ammont mis-sittax (16) ta’ Gunju 1995, u tliet kwarti ta’ l-ispejjez gudizzjarji skond is-sentenza hawn fuq imsemmija;

“4. Illi l-imsemmi ammont kien dejn cert, likwidu u dovut mis-socjeta` intimata lis-socjeta` rikorrenti u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti kienu jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta’ Organizzazjoni u Procedura Civili (Kap 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma tal-istess socjeta` rikorrenti, is-socjeta` intimata ma kellha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas ta’ l-imsemmi ammont;

“5. Illi nonostante li s-socjeta` intimata kienet giet interpellata sabiex thallas l-imsemmi ammont, inkluz bl-ittra legali datata tnax (12) ta’ Jannar 2006 (kopja annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dok. C), hi kienet baqghet inadempjenti;

“6. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet intavolat Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju fil-konfront ta’ l-istess socjeta` intimata kontestwalment mar-rikors guramentat;

“7. Illi r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti kien jaf b’dawn il-fatti personalment;

“8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

“Ghaldaqstant, in vista tal-premess, is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti joghgobha, dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta:

“(1) tiddikjara lis-socjeta` intimata debitrici favur is-socjeta` rikorrenti fis-somma ta tmint elef, disa’ mija u tnejn u hamsin Lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm8,952.93), oltre l-imghaxijiet legali mis-sittax (16) ta’ Gunju 1995, u tliet kwarti ta’ l-ispejjez gudizzjarji;

“(2) tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ tmint elef, disa’ mija u tnejn u hamsin Lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm8,952.93), oltre l-imghaxijiet legali mis-sittax (16) ta’ Gunju 1995, u tliet kwarti ta’ l-ispejjez gudizzjarji.

“Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra legali datata tnax (12) ta’ Jannar 2006, tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwalment mar-rikors guramentat, u bl-imghaxijiet b’effett mid-data tal-hlasijiet hawn fuq imsemmija sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` intimata li giet ingunta in subizzjoni.”

Rat li b’digriet li tat il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta’ Marzu, 2006, is-socjeta` konvenuta giet awtorizzata tikkontesta l-kawza;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` intimata li in forza taghha eccepiet illi:

“Li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghha ghar-ragunijiet segwenti:-

“1. Preliminarjament ir-rikors odjern kien null in kwantu ma jissodisfax l-elementi kollha espressament mehtiega mil-ligi, u dan a tenur tal-artikoli 156 (7) u 789 (1) paragrafu (d) tal-Kap 12;

“2. Fil-mertu s-sentenza li a bazi taghha hija msejsa din il-kawza ma kenitx ghadha valida, effikaci u ezegwibbli kontra s-socjeta` initmata, stante li s-socjeta` intimata kienet saldat id-debiti kollha taghha ma’ Dott. Louis Cassar Pullicino nomine, sew dawk dovuti *di proprio,* kif ukoll dawk dovuti solidalment. Dan kien sar kontra rilaxx specifiku mis-solidarjeta` mas-socjeta` rikorrenti, bil-konsegwenza li l-istess Dott. Cassar Pullicino nomine kien irrinunzja ghall-effetti kollha tas-sentenza citata u kull pretensjoni emergenti mill-istess kontra s-socjeta` intimata. Ghalhekk is-sentenza fl-intier taghha ma baqghetx valida, effikaci u ezegwibbli kontra s-socjeta` initmata, kif kien ser jigi spjegat fil-kors tal-kawza. Kien isegwi li s-socjeta` intimata ma kellha ebda obbligu tirrifondi flus li ma kienux dovuti, u kwindi l-anqas ma kien messhom thallsu;

“3. Ukoll fil-mertu u riferibbilment ghat-talba ghall-hlas ta’ tliet kwarti (3/4) ta’ l-ispejjez gudizzjarji, din kienet bla bazi stante li, fl-ewwel lok is-socjeta` intimata kienet hallsithom, u fit-tieni lok talli spejjez ma kienux dovuti solidalment, tant li s-sentenza relativa kienet qassmithom. Ghalhekk anke kieku ghas-sahha ta’ l-argument, dawn l-ispejjez kienu ghadhom ma thallsux, is-socjeta` rikorrenti ma kellha l-ebda obbligu thallashom ladarba ma kienux dovuti solidalment;

“4. Is-socjeta` intimata ma kellhiex tbati l-ispejjez ta’ din il-procedura, mhux tant ghaliex it-talbiet kienu infondati,

izda ghaliex din il-kawza kienet evitabbli li kieku s-socjeta` rikorrenti kienet indenjat ruhha tikkomunika mas-socjeta` intimata u taghmel il-verifiki taghha. L-ispejjez derivanti minn tali nuqqas, komprizi dawk ta' din il-kawza, kienu unikament imputabbli lis-socjeta` rikorrenti;

“5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla atal-Qorti Civili fl-1 ta' April, 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:
“Dwar it-talba attrici li l-Qorti tiddikjara lis-socjeta` intimata debitrici favur is-socjeta` rikorrenti fis-somma ta tmint elef, disa' mija u tnejn u hamsin Lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm8,952.93), oltre l-imghaxijiet legali mis-sittax (16) ta' Gunju 1995, u tliet kwarti ta' l-ispejjez gudizzjarji, il-Qorti thoss li ghandha tilqa' l-istess talba minhabba li irrizultat dovuta in segwitu tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Gunju 2002, kif spjegat aktar dettaljatament taht “D2” hawn fuq.

“Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' tmint elef, disa' mija u tnejn u hamsin Lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm8,952.93), ossija €20,854.71 oltre l-imghaxijiet legali mis-sittax (16) ta' Gunju 1995, u tliet kwarti ta' l-ispejjez gudizzjarji.

“Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

“Salvi kull drittijiet versu terzi.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` intimata li r-rikors odjern huwa null in kwantu ma jissodisfax l-elementi kollha espressament mehtiega mil-ligi, u dan a tenur ta' l-artikolu 156 (7) u art 789 (1) (d) tal-Kap 12, il-Qorti kif presjeduta b'decizjoni taghha tal-21 ta' Novembru 2006 iddecidiet li tichad din l-eccezzjoni preliminari ghar-ragunijiet moghtija fl-istess decizjoni (fol 57 sa 65) u ordnat il-prosegwiment tal-kawza. Illi s-socjeta` intimata talbet li tigi awtorizzata a tenur tal-Kap 12 art 231(1)

tappella *pendente lite* mis-sentenza parzjali msemmija, izda fl-4 ta' Dicembru 2006, peress li l-Qorti ma hassitx tali talba gustifikata, cahdet l-istess talba.

"Fl-affidavit tieghu Joseph Abela semma li hu l-uniku direttur tas-socjeta` Imnaria Ventures Limited. Qal li fit-28 ta' Gunju, 2002 inghatat sentenza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Dottor Louis Cassar Pullicino vs Michael Zammit ghan-nom u in rapprezentanza ta' MAPA Holdings Limited u Joseph Abela ghan-nom u in rapprezentanza ta' Imnarja Ventures**, Dok A, fol 5 sa 17 tal-process. Fiha l-Qorti ordnat lil Michael Zammit in rapprezentanza ta' MAPA Holdings Limited, u cioe` s-socjeta` intimata f'din il-kawza, sabiex ihallsu lill-attur f'din il-kawza s-somma ta' Lm55,337.65, kif ukoll ordnat lil Imnaria Ventures Limited in solidum mas-socjeta` intimata limitatament ghall-ammont ta' Lm17,905.86. Zied li hu ma kienx jaf dwar din is-sentenza izda minn qabel kien xtaq li jintlahaq ftehim ma' Dr. Cassar Pullicino bhala l-attur *nomine*. Kien baqa' bil-ftehim ma' Michael Zammit li kulhadd ihallas dak li hu gie ordnat ihallas skond is-sentenza.

"Fit-13 ta' Awissu 2002, ircieva ittra minghand Dr. Cassar Pullicino biex ihallas is-sorte, u cioe` Lm17,905.86, l-imghax, cioe` Lm10,027.28, kif ukoll l-ispejjez tal-kawza. Tkellem ma' Dr. Cassar Pullicino u wara intalbet anke subasta fil-konfront tas-socjeta` attrici, liema subasta waslet anke fl-ahhar stadju taghha, u ma kellu ebda alternattiva hlief li jhallas dak kollu dovut solidalment bejn is-socjetajiet kontendenti. Is-socjeta` attrici kienet hallset lil Dr. Cassar Pullicino *nomine* l-ammont totali ta' Lm32,000 fi tliet pagamenti. Illi wara li gie mhallas dan l-ammont Imnaria Ventures Limited baghtet ittra ufficjali lil MAPA Holdings Limited fit-12 ta' Jannar 2006 sabiex dawn ihallsuha nofs l-ammont dovut, liema ammont gie mhallas interament minn Imnaria Ventures Limited, flimkien ma' l-interessi u l-ispejjez kollha li gew ukoll imhallsa minn Imnaria Ventures Limited. Izda b'risposta ghal din l-ittra Dr. Simon Galea Testaferrata wera li MAPA Holdings Limited ma kienux ser ihallsu l-ammont mitlub.

"Xehed Dr. Louis Cassar Pullicino u qal li fir-rigward ta' Mapa Holdings Limited gja kien hemm garanzija bankarja depozitata fir-registru tal-Qorti li kienet tikkawtela parzjalment il-kreditu fl-ammont ta' Lm30,000 jew Lm35,000 *piu o meno*. Hareg sekwestru kif ukoll irregistra l-ewwel ipoteka generali gudizzjarja segwita b'ipoteka specjali fuq proprjeta` li kellha l-Mapa Holdings wara li ghamel ricerki. Fil-konfront tad-debitur l-iehor Imnaria Ventures limitatament ghal dak l-ammont li gie ikkundannat li jhallas kien diga fil-mori tal-proceduri in kwistjoni identifika proprjeta` li kellha din is-socjeta` f'High Street Sliema, Stanlo Court Apartment, fejn gja kien ezistenti mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju u kien ser jibda bil-proceduri ta' subasta biex ibiegh dan l-appartament. Mapa Holdings bdew il-proceduri biex jikkontestaw il-validita` tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv u kien hemm rikors quddiem l-Onor. Imhallef Geoffrey Valenzia. Semma li Michael Zammit kien ghamillu proposta biex ihallas dak li kien purament dovut minnu. F'dak l-istadju ovvjament hu gab l-attenzjoni tal-parti prezenti li ghal dak li jirrigwarda MAPA. Skond is-sentenza MAPA kellha kull obbligu li thallas l-ammont li giet ikkundannata esklussivament li thallas wahedha jigifieri l-ammont ta' Lm55,337 oltre l-imghax u l-ispejjez u solidalment mad-debitur l-iehor u cioe` l-Imnarja l-ammont segwenti ta' Lm17,905 u allura kienu qed jitkellmu fuq bazikament sorte ta' qrib it-Lm80,000 pero` s-Sur Zammit offra li jhallas Lm60,000 u ma jkollu xejn x'jaqsam aktar, hu f'dak l-istadju qallu li hu kien mandatarju u ma setax jiehu decizjonijiet, dan ma kienx kreditu tieghu, kien hemm ukoll avukati barranin li kienu qed jagixxu ghall-klijent in kwistjoni u talab struzzjonijiet u ovvjament kien qed jistenna struzzjonijiet.

"Sussegwentement ircieva struzzjonijiet biex jaccetta l-offerta u kien gharraf lil Dr. Simon Galea Testaferrata tas-17 ta' Dicembru 2002, fis-sens li l-ammont kellu jithallas lilhom u l-ewwel nett qallu li:

*"I write to inform you that prior to yesterday's Court hearing I was approached by your client Michael Zammit who proposed settling Mapa's net liabilty in return for a*

*release of any further liability in respect of the amounts for which Mapa are jointly and severally liable together with Imnarja Ventures. I have since taken clients' instructions and I am pleased to confirm that the proposal is acceptable to client."*

"Jigifieri kellu struzzjonijiet cari.

*"Accordingly I would kindly ask you to liase with your client and arrange a meeting in order to settle this matter. The payments which we would expect to receive from Mapa are the following";*

"u kien hemm dak iz-zmien kien hemm indikat net sorte ta' Lm37,000 ghaliex ovvjament kien hemm il-garanzija bankarja li kien gja beda proceduri biex jizbanka u j'Alla kienx diga sbanka, ta' Lm30,000 jew Lm35,000 jigifieri sorte Principal ammont ta' 55 *piu` o meno* kien qed jikkalkolah gja kopert, interessi li dak iz-zmien gie kwantifikat Lm22,459 u *two thirds costs* ghax skond is-sentenza kien hemm *partition costs* u gie kwantifikat.

"Zied jghid li:

"Jigifieri sakemm niftakar jien le ghad-domanda ta' l-avukat, l-ammont sussegwenti ta' Lm17,000 li fis-sentenza in kwistjoni gew kundannati solidalment lill-partijiet ma' jidhirlix li kienet mehuda in konsiderazzjoni."

"Zied li dwar l-ammont ta' Lm17,000 kien baqa' ghaddej bil-proceduri tas-subasta izda in segwitu baqghu jsiru pagamenti akkont sakemm finalment kien sar pagament lilu minghand is-Sur Abela ghan-nom ta' Imnarja Ventures.

"Zied li:
*"As requested I am enclosing a statement concerning amounts due by your client in respect of Mrs. Figlina's claim. The third and final payment made by your client occurred in the 7th July 2005 in the sum of Lm16,500. In total therefore your client paid the sum of Lm32,000.00 inclusive of interest and costs,"*

"u ikkonferma li din l-ittra fil-prospett dehrlu li kien hemm xi *discounting* ta' xi imghax, anke ghamlu deduct 5% u fl-ahhar waslu ghas-somma globali u ircieva s-somma ta' Lm17,253. Dwar Lm32,000 li hallas is-sur Abela Lm17,000 sorte bl-imghax u l-ispejjez sa dak in-nhar akkomodawh u l-imghax pero` ma hux intier …

"Semma' wkoll li Mapa Holdings kien hallas Lm60,000 fit-8 ta' Jannar 2003 u dak kien l-ammont li kien dovut del resto mill-Mapa Holdings, u mbaghad skond is-sentenza wkoll kien hemm ammont li kienu solidalment responsabbili ghalih iz-zewg partijiet fil-kawza jigifieri Mapa Holdings u Imnaria Ventures, u dan l-ammont thallas minn Imnarja Ventures fil-mod segwenti, Lm8,000 fis-26 ta' Mejju 2003, pagament akkont iehor ta' Lm7,500 fis-26 ta' Frar 2004, ammont ta' Lm10,000 akkont fis-7 ta' Lulju 2005, u ammont iehor ta' l-istess jum ta' Lm6,500. Dana kien ghas-saldu ta' l-ammont kollhu li kien dovut skont is-sentenza li indika.

"Xehed <u>Michael Zammit</u>, direttur fil-Mapa Holdings Limited li semma li in segwitu ta' bejgh ta' flats sarilhom mandat ta' sekwestru u kienu ghamlu garanzija bankarja ta' Lm30,000. Semmka li kien tkellem ma' Dr. Cassar Pullicino in segwitu li nqatghet il-kawza u li kien ghamel offerta lil Dr. Cassar Pullicino ta' Lm60,000 *cash*u ma jkollu x'jaqsam ma' xejn iehor ghax ma kienx interessat li jhallas parti u jibqa' mcappas. Dan qallu li jrid jirreferi lill-klijenta tieghu, izda wara xi 3 ijiem qallu li *okay*. Specifikalu li anqas ma' Imnarja Ventures ma ried ikollu x'jaqsam. Kien qallu li jrid inehhilu l-mandati u s-sekwestri u jaghtih lura l-garanzija.

"Xehed <u>Dr. Austin Sammut</u> li ssemma li kien l-avukat tas-Sur Zammit ta' Mapa fil-kawza originali. Zied li kien hemm ukoll mandat ta' sekwestru. In segwitu tas-sentenza l-klijent ried jasal f'konkluzjoni u kienu kellmu lil Dr. Cassar Pullicino u waslu fuq is-somma ta' Lm60,000 ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha ta' l-attrici, kemm ghall-ammont dovut proprju, wahdu jigifieri u kemm ghall-ammont li kien dovut solidalment ma' Imnaria Ventures

Limited u sar dak il-ftehim. Sostna li Dr. Cassar Pullicino kien qallu li dan kien pagament ghas-saldu ta' kollox.

"Xehed Dr. Simon Galea Testaferrata li ikkonferma x-xhieda ta' Dr. Sammut li kien hemm l-intendiment bejnu u bejn Dr. Cassar Pullicino biex il-ftehim isir bil-miktub, izda lahaq ma giex iffirmat ghax il-pagament ta' dak il-hin stess kien tas-Sur Zammit u anqas biss kien abbozzat. In segwitu xorta kien ghadda abbozz lil Dr. Cassar Pullicino u dan kopja tieghu jinsab a fol 39 tal-process u immarkat bhala "Dokument "Mapa8", li jri l-intendiment tal-partijiet u li MAPA Holdings tinheles mill-obbligi li kellha. In segwitu Dr. Cassar Pullicino kien ghaddielu l-garanzija bankarja u anke l-kancellament ta' l-ipoteka.

**B. "KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"***D1. L-ewwel eccezzjoni:***

"Illi l-ewwel eccezzjoni giet deciza permezz ta' sentenza tal-21 ta' Novembru 2006.

"***D2. Obbligazzjoni solidali bejn il-kontendenti:***

"It-tieni eccezzjoni hija s-sentenza li a bazi taghha hija msejsa din il-kawza mhix valida kontra s-scjeta` intimata stante li d-debiti taghha gew saldati ma' Dr. Cassar Pullicino *nomine*, kemm dawk dovuti proprio kif ukoll dawk dovuti solidalment. Din l-eccezzjoni hija interessanti ghall-mod kif graw il-fatti tal-kaz. In segwitu ta' talba ta' Dr. Cassar Pullicino *nomine*kontra l-kontendenti odjerni, din il-Qorti diversament presjeduta ikkundannat lis-socjeta` intimata fl-ammont ta' Lm55,337.65 filwaqt li lill-konvenut f'dik il-kawza izda rikorrent fil-kawza odjerna *in solidum* mal-intimati odjerni fl-ammont ta' Lm17,905.86 bl-ispejjez ghal terz ghall-konvenut Abela, ossija r-rikorrent odjern, u tliet kwarti ghall-konvenut Zammit, intimat fil-proceduri odjerni u bl-imghaxijiet. Saru diversi proceduri, garanziji, sekwestri, u Michael Zammit lahaq ftehim ma' Dr. Cassar Pullicino fejn hallas is-somma ta' Lm60,000. In segwitu s-socjeta` attrici hallset is-somma ta' Lm32,000 minhaba

proceduri li kellha legali kontra taghha anke ghall-bejgh in subasta ta' proprjeta`.

"Ta' min isemmi dak li kienet qalet din il-Qorti fis-sentenza li tali obbligu ta' Imnaria Ventures kien wiehed solidali mas-socjeta` intimata. Ghalhekk gie li l-parti solidali thallset interament minn Imnaria Ventures Limited u s-socjeta` konvenuta irrifjutat li thallas minhabba li ssostni li kienet lahqet ftehim ma' Dr. Cassar Pullicino *nomine* li l-pagament tas-Lm60,000 kien wiehed ghas-saldu. Ta' min jirrileva li l-Kapitolu 16 fl-artikolu 1096 jghid li:

"Il-kreditur jista' jdur kontra kull min irid mid-debituri *in solidum*, b'ghazla tieghu, minghajr ma d-debitur ikun jista' jopponi l-beneficcju tal-qsim ta' l-obbligazzjoni."

"Fin-nota tieghu l-konsulent legali tas-socjeta` rikorrenti ghazel li jispecifika li l-ammont ta' Lm60,000 imhallas mis-socjeta` intimata lil Dr. Cassar Pullicino *nomine* jinkludi biss is-sorte ta' Lm55,337.65 flimkien ma' xi imghaxijiet u spejjez, filwaqt li l-ammont ta' Lm32,000 imhallas minn Imnaria Ventures jirrapprezenta s-sorte kollu dovut mill-imsemmija socjeta` solidalment ma' MAPA Limited u cioe` s-somma ta' Lm17,905.86 flimkien ma' imghaxijiet u spejjez.

"Ikkunsidrat illi Imnaria Ventures Limited ma setghetx hlief thallas minhabba l-proceduri tas-subasta istitwiti minn Dr. Cassar Pullicino *nomine*. Irrizulta wkoll li l-ftehim bejn MAPA u Dr. Cassar Pullicino b'ebda mod ma inkluda lis-socjeta` rikorrenti. Il-Kapitolu 16 artikoli 1106 u 1107(1) jghidu hekk:

"1106. L-obbligazzjoni tad-debituri *in solidum* lejn il-kreditur, tinqasam *ipso jure* bejn id-debituri li, bejniethom, huma obbligati kull wiehed ghal sehmu biss.

1107. (1) Il-kondebitur li jhallas id-dejn *in solidum* kollu, ma jistax jitlob minghand l-ohrajn hlief is-sehem ta' kull wiehed minnhom bl-imghax minn dak in-nhar tal-hlas, allavolja jkun hemm cessjoni ta' jeddijiet."

"Is-socjeta` intimata tinsisti li hi kienet mehlusa mill-obbligi lejn Dr. Cassar Pullicino *nomine* izda l-Qorti m'ghandhiex dik il-pretensjoni x'tittratta izda l-wahda ta' bejn il-kontendenti odjerni. Dak li gara bejn Dr. Cassar Pullicino *nomine* u s-socjeta` intimata mhux parti mill-kawza odjerna u l-obbligu ta' din il-Qorti huwa li tezamina jekk is-socjeta` intimata hix responsabbli ghal dik is-solidalita` msemmija u ghan-nofs tad-debitu sodisfatt mis-socjeta` rikorrenti. It-tranzazzjoni li ntlahqet bejn Dr. Cassar Pullicino u l-MAPA hija *res inter alios acta vis-à-vis* s-socjeta` rikorrenti u b'ebda mod ma jista' jnaqqas id-drittijiet ta' l-istess socjeta` rikorrenti meta hi la kienet parti u anqas biss konxja tal-ftehim milhuq. Li kieku kif issostni s-socjeta` intimata l-azzjoni fil-konfront taghha minn Dr. Cassar Pullicino *nomine* giet irtirata kompletament l-imsemmi Dr. Cassar Pullicino *nomine* ma setax jezegwixxi l-ammont kollu dovut mill-kontendenti solidalment. Responsabbilta` solidali tal-konventi fil-kawza l-ohra ossija kontendenti odjerni ma kenitx ta' socjeta` **JEW** is-socjeta` l-ohra izda solidalment bejniethom. Il-ftehim bejn MAPA Holdings Limited u Dr. Cassar Pullicino *nomine* ma setax jaffettwa negattivament lil Imnaria Ventures Limited. Id-debitu kien wiehed solidali. Anqas ma jista' japplika l-principju li Imnaria Ventures Limited ghamlet hlas li ma kellhiex taghmel. Anqas ma jista' japplika d-dispost ta' l-artikolu 1960 li jghid hekk:

"Jekk il-kreditur jehles wiehed mill-garanti tieghu minghajr il-kunsens ta' l-ohrajn, dan il-helsien jiswa lill-garanti l-ohra sas-sehem tal-garanti li jkun gie hekk mehlus."

"U dan minhabba l-fatt li s-socjeta` rikorrenti qatt ma giet infurmata bil-ftehim milhuq bejn is-socjeta` intimata u Dr. Cassar Pullicino *nomine* u ghalhekk certament li ma setghet qatt tissolleva dan il-punt biex tiffinalizza l-pendenza dovuta u dan specjalment meta kienet infaccata bi procedura ta' subasta.

"Ghal dawn il-motivi tichad it-tieni eccezzjoni.

"***<u>D3. Obbligazzjoni solidali dwar l-ispejjez gudizzjarji:</u>***

“It-tielet eccezzjoni ssemmi tliet kwarti ta’ l-ispejjez gudizzjarji. Hawn japplika wkoll dak li nghad dwar it-tieni eccezzjoni u ghalhekk ukoll qed tigi michuda.

“***<u>D4. Kontenzjoni li l-ispejjez tal-proceduri odjerni kienu evitabbli:</u>***

“Ir-raba’ eccezzjoni li l-ispejjez ta’ din il-procedura saru ghal xejn qed tigi michuda wkoll ghax certament li l-partijiet ma setghux jaslu fi ftehim dwar din il-pendenza tant li giet istitwita kawza fi Frar 2006 u 3 snin wara wara tant seduti ma ntlahaqx ftehim. Ghalhekk ukoll qed tigi michuda.

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet sabiex din il-Qorti joghgobha tilqa’ dan l-appell, billi tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa’ l-eccezzjonijiet sollevati u tichad it-talbiet rikorrenti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` rikkorrenti appellata;

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet sabiex din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata billi tichad l-appell tas-socjeta` konvenuta, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi f’din il-kawza z-zewg partijiet kienu gew ikkundannati in solidum ihallsu somma flus lil Elmira Figlina, li kienet rapprezentata hawn Malta mill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino. Is-socjeta` konvenuta wahedha giet ikkundannata thallas lill-attrici s-somma ta’ Lm55,337.65, waqt li l-partijiet in solidum gew ikkundannati jhallsu s-somma ta’ Lm17,905.86. Is-socjeta` attrici qed tghid li hi hallset din l-ahhar somma kollha hi wahedha, u qed titlob

li s-socjeta` konvenuta thallas sehma, cioe`, nofs l-ammont li hallset, flimkien mal-imghax.

Is-socjeta` konvenuta tissottometti illi hi kienet waslet fi ftehim mal-attrici, tramite l-avukat taghha, li hi thallas somma globali (qrib is-Lm60,000) ghas-saldu ta' dak kollu li jista' jkun dovut minnha. Fis-17 ta' Dicembru, 2002, l-avukat Cassar Pullicino ghall-kreditrici kiteb lis-socjeta` konvenuta biex jaccetta din il-proposta li fi kliemu kienet tikkonsisti filli s-socjeta` konvenuta
"(settles) MAPA's net liability in return for a release of any further liability in respect of the amounts for which Mapa are jointly and severally liable together with Imnaria Ventures."

Is-socjeta` attrici targumenta li b'dan il-ftehim is-socjeta` konvenuta giet mahluha mis-solidarjeta` versu l-kreditrici, pero`, fir-relazzjoni interna ta' bejniethom kull debitur baqa' responsabbli ghal sehemu tas-somma dovuta in solidum.

L-ewwel Qorti qablet mas-socjeta` attrici u qalet illi dak li gara bejn Dr. Cassar Pullicino u s-socjeta` konvenuta mhux parti mill-kawza odjerna, u dan il-ftehim ma setax jaffettwa negattivament lil Imnaria Ventures Ltd.

Is-socjeta` konvenuta appellat mis-sentenza u l-aggravju hu marbut mal-interpretazzjoni li ghandu jinghata lill-ftehim milhuq bejna u Dr. Cassar Pullicino, u qed issostni li bis-sahha ta' dak il-ftehim, mhux biss giet terminata s-solidarjeta` bejn il-partijiet, izda gie ezawrit id-debitu kollu li kellha ma' Dr. Cassar Pullicino nomine.

Din il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta appellanti. Hu minnu li jekk debitur in solidum jigi mehlus mis-solidarjeta` mill-kreditur, il-posizzjoni hi kif indikata mis-socjeta` attrici fir-risposta studjata u dettaljata li resqet quddiem din il-Qorti. Kif jghallem il-Giorgi ("Teoria delle Obbligazioni", Vol. I, para. 208), li kien qed jikkkummenta fuq l-Artikolu tal-kodici civili taljan ta' qabel ir-riforma li saret is-seklu l-iehor fl-erbghinijiet u li jixbah l-Artikolu 1104 tal-Kodici Civili Malti, wiehed irid jaghmel

distinzjoni bejn meta r-rilaxx, jew ahjar, rimessjoni, tkun assoluta jew inkella relattiva u spjega x'jigri f'kaz li co-debitur jigi mehlus mis-solidarjeta`. Huwa jghid li:
"*La rinunzia alla solidalita` tra debitori puo` essere o assoluta, o relativa. E` assoluta quando il creditore la fa a favore di tutti I debitori solidali. L'obbligazione diviene allora pro rata, a'riguardo di tutti. La interruzione nella prescrizione non estende I suoi effetti da debitore a debitore, I frutti moratori non fanno carico, che al debitore costituito in mora: la perdita della cosa avvenuta per colpa di uno fra I debitori, nuoce a lui solamente. La rinunzia relativa si verifica, quando il creditore ne restringe gli effetti a vantaggio di un debitore solamente, tanto che il vincolo di solidalita` vien rotto riguardo a questo debitore solo, mentre continua a sussistere riguardo a tutti gli altri. Insomma il debitore, a cui e' fatta la rinunzia, continua a rimanere obbligato` in faccia al creditore per la sola sua parte, <u>e non e` esonerato dai suoi obblighi in faccia ai condebitori</u>; ma diviene debitore pro rata, laddove gli altri debitori rimangano debitori in solido tra loro*". [enfazi mizjud].

Konformi ma' dan l-insenjament huwa il-**<u>Laurent</u>** "Principio di Diritto Civile", Vol.XVII, para.344], li jikkummenta
*"E' assoluta quando il creditore rimette la solidarieta` a tutti i condebitori. Questo caso pero` non e' previsto dalla legge, sia perche` difficile ad accadere che altri stipuli un diritto a se` utile per poscia rinuncarvi, e sia perche` gli effetti di simile rimessione non hanno nemmeno bisogno di essere enunciati; I condebitorei rilasciati dalla solidarieta` rimangono soggetti alle norme di diritto comune, che abbiamo gia altrove esposte. Si dice poi relativa la rinuncia del creditore, quando scoglie dalla solidarieta` un solo debitore. In questo caso di leggeri comprendesi come il debitore cui rimette la solidarieta` riceva un favore, dal quale puo` darsi che non siano pregiudicati gli interessi del creditore, se gli altri coobbligati sono solvibili, e se hanno costituito garanzie;*"

Dan ifisser illi kieku l-kreditur sempliciment irrilaxxja lis-socjeta` MAPA Holdings Ltd. mis-solidarjeta`, ir-

responsabbilita` ta’ din tkun biss pro rata. Is-socjeta` debitrici l-ohra tibqa’ responsabbli versu l-kreditur ghall-ammont shih, izda s-socjeta` MAPA Holdings Ltd. tkun responsabbli biss pro rata, bir-rizultat li jekk l-ewwel socjeta` tigi mitluba u thallas is-somma kollha, din tkun tista’ ddur fuq MAPA Holdings Ltd. biex din thallas sehma, cioe`, in-nofs tad-debitu.

F’dan il-kaz pero` ma garax biss hekk. Il-proposta tas-socjeta` konvenuta kienet immirata biex din tehles minn kull dejn li kellha lejn Dr. Cassar Pullicino nomine, u dan tal-ahhar accetta li jirrilaxxja lis-socjeta` konvenuta “<u>of any further liability</u> in respect of the amounts for which MAPA are jointly and severally liable together with Imnaria Ventures”. Is-socjeta` konvenuta ma gietx mahlula biss mis-solidarjeta`, imma wkoll minn sehma tad-dejn li kellha mas-socjeta` attrici. Hekk ghandu jiftiehem l-arrangament li s-socjeta` ghamlet ma’ Dr. Cassar Pullicino, kif, del resto, jidher li kien il-hsieb wara l-proposta li ghamel Michael Zammit ghas-socjeta` konvenuta. Fi kliem iehor, b’dak l-arrangament, is-socjeta` konvenuta tnehhiet bhala debitrici, u baqghet debitrici s-socjeta` attrici, pero`, ghal sehma mill-istess dejn.

Hawn il-kaz jixbah dak li ddeskriva l-<u>Laurent</u> meta spjega (ibid. para. 341) hekk x’jigri f’dawn ic-cirkostanzi.
“*Perche`, gli altri debitori non debbono essere tenuti per la totalita`? Perche` il creditore con la rimessione che ha fatta al debitore priva I suoi condebitori dell’azione di regresso che hanno contro di lui. <u>Se essi conservassero il regresso, la rimessione sarebbe stata soltanto parziale</u>, mentre invece, nella intenzione del creditore, <u>la supponiamo totale. E per esserlo deve essa operare la parziale estinzione del debito in confronto ed’ in favore anche degli altri condebitori contro I quali il creditore ha riservato i suoi diritti.</u>*” (Sottolinear ta’ din il-Qorti)

Dan hu preciz dak li gara f’dan il-kaz. Meta l-kreditrici accettat li tillibera lis-socjeta` konvenuta “of any further liability”, kienet qed taccetta l-estinzjoni parzjali tad-debitu, u d-debitur l-iehor, is-socjeta` attrici, kellha thallas biss nofs dak id-debitu.

Dr. Cassar Pullicino spjega li wara li sar hlas mis-socjeta` konvenuta, huwa baqa' ghaddej bil-proceduri ta' subbasta li kien nieda kontra s-socjeta` attrici, liema proceduri gew mwaqqfa wara li din is-socjeta` hallset is-somma kollha dovuta. Is-socjeta` attrici tghid li hi hallset is-somma kollha, u allura ghandha dritt tirkupra nofs is-somma minghand is-socjeta` konvenuta. Jekk, pero`, jirrizulta li hi hallset hazin, ma tistax tghabbi b'dan l-izball lis-socjeta` konvenuta. Is-socjeta` attrici ghazlet li thallas minghajr ma jidher li ghamlet verifika sewwa ta' xi thallas mill-parti l-ohra; qabdet u hallset kollox, inkluz dak li ma kienx dovut, la minnha u wisq anqas mis-socjeta` konvenuta.

Dr. Cassar Pullicino xehed li l-kreditrici <u>accettat</u> is-somma ta' Lm60,000 "*a saldu tal-ammont dovut minn MAPA Holdings skont is-sentenza fl-intier taghha, jigifieri kemm dak li kienet esklussivament responsabbli ghalih li thallas, kif ukoll solidalment ukoll*". Dan ifisser li fil-konfront tas-socjeta` konvenuta, giet terminata s-solidarjeta` u giet mehlusa minn kull dejn, u kwindi dak li seta' intalab mis-socjeta` attrici kien biss sehemha mid-dejn, u mhux ukoll dik il-parti li giet mahfura. Jekk is-socjeta` attrici hallset izzejjed, hi ma tistax iddur lejn is-socjeta` konvenuta biex tigbor minghandha dak li messha qatt hallset f'isimha.

Ghar-rigward l-ispejjez tal-kawza imnidijja mill-avukat Dr. Cassar Pullicino nomine, dawn ma gewx allokati in solidum bejn il-partijiet; parti, cioe`, terz, gew allokati esklussivament lil Imnaria Ventures Ltd., u l-parti l-ohra, cioe`, zewg terzi, gew allokati esklussivament lill MAPA Holdings Ltd., u kwindi ma jirrizultax ghaliex is-socjeta` Imnaria Ventures Ltd. talbet li s-socjeta` l-ohra tkun ikkundannata thallas tlett kwarti tal-ispejjez gudizzjarji. Kif inghad, ma kien hemm ebda solidarjeta` f'dan il-kuntest, u kull parti kellha thallas sehemha tal-istess spejjez. Is-socjeta` konvenuta hallset Lm60,000 dietro kwittanza assoluta, u ma tistax issa tigi mitluba thallas ammonti ohra. Is-socjeta` konvenuta offriet li thallas Lm60,000 bil-kundizzjoni li ma jkollha xejn x'taqsam aktar; wara li Dr. Cassar Pullicino tkellem mal-mandati tieghu, accetta din l-

offerta u llibera lill-istess konvenuta minn kull responsabbilita`.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` konvenuta, billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kollha ta' din il-kawza jithallsu mis-socjeta` attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------